FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 16 TA' MEJJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDER PAUL MIRUZZI
VS
ANTHONY FARRUGIA
CHRISTOPHER MICALLEF
NOEL PEPE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Anthony Farrugia ta' 36 sena bin George u Maria Consiglia nee Portelli imwieled Pieta fis-16 t'Ottubru 1962 u residenti 145, Triq Azzopardi Marsa detentur tal-karta tal-identita numru 649162M, Christopher Micallef ta' 19 il-sena iben Anthony u Mary nee Cutajar imwieled il-Pieta fil-21 ta' Settembru 1980 u residenti 169, Triq Zerafa Marsa detentur tal-karta tal-identita numru 453780M u Noel Pepe ta' 19 il-sena iben Anthony u Eleonora nee Ebejer imwieled Pieta fis-7 ta' Dicembru 1979 u residenti 57, Triq Zerafa Marsa detentur tal-karta tal-identita numru 405580M talli fis-6 ta' Settembru 1999, ghal habta ta' nofs in-nhar kif wkoll fix-xhur ta' qabel, gewwa l-Marsa u l-Hamrun, kif wkoll f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer immaniggjaw jew hallew immaniggar ta' xi xoghlijiet tan-nar, jew inkella qaghdu jitlajjaw fil-perimetru ta' fabbrika tax-xoghlijiet tan-nar kemm il-darba huma ma kellhomx licenzja A jew B li inhargitilhom taht ir-regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xoghlijiet tan-Nar u Esplossivi ohra. Dan bi ksur tal-artikolu 7(1) tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi kap 33.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immanifatturaw, haznu, garrew jew harqu xoghlijiet tan-nar li kien fih wiehed minn dawn is-sustanzi li gejjin:

a. tahlita ta' klorat tal-potassa u kubrit jew xi klorat f'xi tahlita mal-kubrit.
b. Tahlita ta' klorat tal-potassa mal-fosfru jew klorat f'xi tahlita mal-fosfru; jew
c. Gelatina tan-nitroglicerina, TNT jew esplossivi qawwija ohra bhal dawn.

Dan bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Ordinanza Dwar l-Esplossivi – kap 33.

Talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi, harqu xoghlijiet tan-nar minn xi post kemm il-darba:-

a. il-post ma kienx dak approvat ghal dak l-ghan skond licenzja mahruga taht l-Ordinanza dwar l-Esplossivi
b. fil-hruq ta' xoghlijiet tan-nar minn post approvat ma jissodisfax id-disposizzjoni stabbiliti fl-Ewwel u fit-Tieni Skeda li jinsabu mar-regolamenti tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi – kap 33.
c. Il-kanen li fihom sar il-hruq tax-xoghlijiet tan-nar ta' l-ajru ma kellhomx qlugh tajjeb fil-post fejn kienu permezz ta' twavel tal-injam, xkejjer tar-ramel, tyres, jew kaxxi tal-kartun jew tal-injam mimli bil-hamrija jew materjal iehor bhalha, sabiex ma jkunux jistghu itiru bicciet ta' materjal f'kaz ta' spluzjoni mhux f'waqtha.

Dan bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Ordinanza Dwar l-Esplossivi kap 33.

Talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi harqu bombi tas-sitta minn distanza ta' anqas minn 200 metru minn post abitat jew toroq pubblici li regolarment jintuzaw mill-vetturi. Dan bi ksur tar-Regolament 14(b),D(c) tat-tieni Skeda tal-Ordinanza Dwar l-Esplossivi kap 33.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi harqu xoghlijiet tan-nar meta mhux taht is-sorveljanza ta' persuna li kellha licenzja tal-kategorija A. Dan bi ksur tal-Artikolu 4(1) tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi kap 33.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, dolozament b'sustanza esplossiva ghamel spluzjoni li setghet tqieghed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lill-hwejjeg haddiehor.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamlu jew xjentement zammew jew kellhom ghandhom jew taht il-kontroll taghhom xi sustanza esplossiva, taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi ghamlu, zammew jew kienu ghandhom ghal hsieb mhux lecitu.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'mezzi xort'ohra volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-mitt lira maltin ghad-detriment ta' Baldassere Facciol, licencee tal-Kamra tan-Nar ta' San Bastjan f'Tal Handaq, Qormi. Dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali kap 9.

Tali fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom. Dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali kap 9.

Lil Anthony Farrugia wahdu talli bejn it-tmienja ta' filghaxija tal-Hadd 11 ta' Lulju 1999 u s-sebgha u nofs ta' filghodu tat-Tnejn 12 ta' Lulju 1999 dahal fil-fabbrika tax-Xoghlijiet tan-Nar ta' San Bastjan f'Tal Handaq Qormi ghall-manigg ta' xi xoghlijiet tan-nar meta ma kellux fuqu licenzja li ghandu juri lil-ispettur awtorizzat meta dan jitlobilu. Dan bi ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Ordinanza Dwar l-Esplossivi kap 33.

Lil Anthony Farrugia wahdu talli bejn it-tmienja ta' filghaxija tal-Hadd 11 ta' Lulju 1999 u s-sebgha u nofs ta' filghodu tat-Tnejn 12 ta' Lulju 1999, dahal fil-Fabbrika tax-Xoghlijiet tan-Nar ta' San Bastjan f'Tal Handaq Qormi, seraq xoghlijiet tan-nar liema serq hu kkwalifikat bil-

mezz, valur, u hin ghad-detriment ta' Baldassere Facciol, licencee tal-Kamra tan-Nar ta' San Bastjan f'Tal Handaq, Qormi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-10 t'April 2002.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-pulizija kienu rcevew informazzjoni anonima illi fi 12 Drive In Triq St Thomas il-Hamrun kien hemm splussiv li seta kien gie misruq mill-kamra tan-nar ta' Hal Qormi. Illi ghalhekk l-ufficjal prosekutur ta' istruzzjonijiet lil PS177 Armeni biex jaccedi ghal dan il-garage. PS177 sab illi l-garage kien fil-pussess tal-imputat Christopher Farrugia.

Illi meta gie ezaminat l-garage l-pulizija sabet sitt blalen tat-tminn pulzieri u bomba tas-sitta.

Illi minn investigazzjonijiet ulterjuri l-pulizija sabet illi dawn l-isplussivi kienu formanti parti minn kwantita akbar li gew misruqa mill-kamra tan-nar ta' San Bastjan f'Tal Handaq Qormi bejn l-11 u t-12 ta' Lulju 1999.

Illi mill-istqarrija rilaxxata min Christopher Micallef jirrizulta ili l-isplussiv huwa kien hadu minn Old Racecourse Marsa flimkien ma Noel Pepe u Anthony Farrugia il-ko-imputati.

Illi l-pulizija investigaw lil Noel Pepe u sabu illi f'garage 40 "Drive In" Triq il-Kapuccini Marsa sabu ballun tat-tminn pulzieri iehor. Illi gie investigat Anthony Farrugia wkoll pero it-tfittxijiet kienu fin-negattiv. Illi l-imputati kollha kkorroboraw mal-pulizija.

Christopher Micallef fl-istqarrija tieghu qal kif kienu garrew l-isplussivi u kif splodew murtal il-Furjana, kif ghabbew l-isplussiv u poggewhom f'garage ta' Noel u kif harqu splussiv iehor hden il-Marbelt House (ara dok AM1 a fol 27 et seq).

Il-Kurunell Albert Camilleri ikkonferma ir-relazzjoni tieghu, u kkonferma il-kwalita ta' splussiv li instabu, li gew sploduti f'zona abitata (ara fol 30-33).

Illi fix-xhieda tieghu, PS177 Armeni kkonferma l-informazzjoni anonima, t-tfittxijiet li huwa wettaq f'No 12, St Thomas Street, Hamrun, garage tal-imputat Christopher Micallef, u sejba ta' splussivi. Micallef qallu li kien qed jzomm il-bombi ghal Anthony Farrugia u li kien hemm haddiehor (Noel Pepe) li qed jaghmel l-istess haga. Hawnhekk acceda ghal 40 Triq il-Kappuccini, u sabu aktar plussivi.

Meta gie investigat l-imputat Twanny Farrugia dan qal li waqt li kien f'Racecourse Street Marsa fil-5 ta' Settembru 1999 kien lemah l-isplussiv taht xi sigar u ddecieda li jisplodihom flimkien ma Micallef u Pepe.

PS177 xhed illi mill-indagini tal-pulizija jirrizulta illi dawn l-isplussivi kienu misruqa minn kamra tan-nar Hal Qormi fit-12 ta' Lulju 1999.

Spettur Miruzzi a fol 47 esebixxa l-isplussivi.

PS John Lentini fol 51, kkonferma is-serqa mill-kamra tan-nar ta' San Bastjan fit-12 ta' Lulju 1999 u esebixxa l-okkorrenza (fol 54).

Baldassere Facciol licencee tal-Kamra tan-Nar kkonferma r-rapport tas-serqa ta' splussivi fol 58 b'valur ta' Lm200.

PC68 Debono xhed fuq l-informazzjoni li biha bdew l-invesitgazzjonijiet f'dan il-kaz. (ara xhieda a fol 64 et seq)

Hose Abela xhed illi l-vettura nru. IAD 862 Skoda Biege tghajjat lil Anthony Pepe.

PC1193 Caruana xhed li l-imputati ma kellhomx permess biex jaharqu xoghol tan-nar (fol 74 et seq) jew biex jgorru xoghol tan-nar (ara xhieda ta' PS882 Mangion a fol 76 et seq).

WPC Joanne Mamo xhedet illi ebda wiehed mill-imputati ma ghandhom ebda tip ta' licenzja biex jimmanifatturaw jew jaharqu xoghol tan-nar.

Min-naha tieghu l-imputat Anthony Farrugia xhed illi huwa b'ebda mod ma seraq dan ix-xoghol tan-nar u li huwa kien sab l-isplussiv fil-Marsa fil-haxix hazin hdejn il-Kanal.

Mistoqsi kif kien jaf li x-xoghol tan-nar kien misruq mill-kamra tan-nar ta' San Bastjan, Farrugia xhed **illi huwa basar li kien misruq**.

Kkonferma ix-xhieda li kien ta' fl-inkjesta (ara xhieda a fol 109-115).

L-imputat Pepe kkonferma li l-imputat Farrugia kien qalilhom bis-sejba ta' murtali u ftehmu li jinzlu jarawhom. Hadu tlieta minnhom u splodew wiehed il-Furjana u iehor hdejn il-Marbelt u Pepe zamm l-iehor fil-garage tieghu.

Pepe xehed illi aktar tard sar jaf li Christopher kien nizel u ha il-kumplament tal-murtali u zammhom fil-garage tieghu (ara fol 129).

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni fuq elenkata, b'mod specjali ghal l-kontenut tal-istqarriji tal-imputati u x-xhieda taghhom jirrizulta b'mod ampju illi l-imputat Farrugia kien il-mohh wara l-operazzjoni kollha. Dato non cesso illi l-imputat Farrugia kien "sab" l-isplussivi fil-haxix l-kumpless tal-provi juru b'mod car illi kien hu illi hajjar lill-imputati l-ohra biex jzommu, jahznu u jisplodu whud minn dawn l-isplussivi mhux biss minghajr il-permess necessarju, mhux biss minghajr il-licenzji imma b'periklu kbir ghal terzi persuni apparti lilhom innifishom minhabba is-situs li huma ghazlu biex jaharqu x-xoghol tan-nar.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina l-akkuza ta' serq fil-konfront ta' Farrugia u dik ta' ricetazzjoni fil-konfront tal-imputati Pepe u Micallef.

Illi din il-Qorti ma tistax ma tammirax il-lealta tal-ispettur Miruzzi li fit-trattazzjoni tieghu wera l-Qorti bil-problema li kellhom il-prosekuzzjoni rigward l-akkuza tas-serq.

Illi wara li l-Qorti fliet bir-reqqa ix-xhieda kollha indikati fil-processi verbali annessi mal-atti hi tal-fehma illi ma hemmx provi bizzejjed biex, sa livell ta' dubbju dettat mir-raguni, jallaca l-imputati mas-serqa mill-Fabbrika f'Tal Handaq Qormi.

Zgur pero li jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni da parti ta' Farrugia li in realta ammetta dana kollu fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. In fatti a fol 112 fuq domanda mill-prosekuzzjoni kif jispjega li qabel ma qalulu il-pulizija huwa stqarr illi l-isplussivi kienu insterqu mill-kamra ta' San Bastjan l-imputat qal:
"Ghax pero ssuspettajt hekk, minn hemm haduh in-nar hsibt."

Illi din il-Qorti pero ma tarax illi hemm provi bizzejjed fil-konfront ta' Micallef u Pepe li turi fil-livell probatorju li tesigi l-kamp kriminali li dawn l-imputati kellhom l-scienza proprja li x-xoghol tan-nar kien misruq.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputati kollha hatja tat-tieni, t-tielet, raba, hames, sitt, seba akkuza. Tillibera lill-imputati Pepe u Micallef mill-ewwel, tminn u disa akkuza, ssib lill-imputat Farrugia hati wkoll tad-disa akkuza pero mhux hati tal-ewwel, it-tminn, l-ghaxar u l-hdax il-akkuza u wara li rat Art 8, 14, (b), D(c) tat-tieni skeda 4(1) tal-kap 33, Art 334(a), Art 9 tal-kap 152 u Art 28A tal-kap 9 tillibera lill-imputati Pepe u Micallef bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin u fir-rigward ta' Anthony Farrugia tikkundannah ghal tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.